**Stefan Gauci Scicluna: Kordinatur tal-Qormi Bread Festival 2010**

# Il-Hobza Maltija - bejn Identita' u l-Lokal

## Esperjenza ta' volontarjat u professjonalita'

Wara l-konkorrenza kbira li kellna s-sena l-ohra, u l-kummenti pozittivi mil-pubbliku generali, bhala PLYG xtaqna li din l-attivita' tiehu dimensjoni nazzjonali permezz tal-kontribut ta' hafna nies professjonali u volontarji minn Hal Qormi u lil hinn minnu, filwaqt li enfasizzajna fuq l-ghaqda taghna ma' ghaqdiet f'Hal Qormi kif ukoll dawk ohrajn marbutin maz-zghazagh.

Ghal din is-sena bdejna biex ghamilna logo u maskot gdid, filwaqt li nehdejna websajt mimlija b'hafna informazzjoni u divertiment ghal pubbliku generali b'kompetizzjonijiet, ritratti, videos u diversi funzjonijiet ohra. Din tal-ahhar uriet il-popolarita' ta' dan il-Festival bic-cifra taqbez il-100,000 request kull xahar; dawn ic-cifri jkunu record ghal dan il-Festival.

Hdimna biex dan il-progett kulturali naghtuh dimensjoni socjali permezz ta' donazzjoni li se tinghata ghal Bread Fund ta' Dar San Guzepp, St Venera. Barra minn hekk hdimna id f'id mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabbilta' (KNPD) biex nenfasizzaw fuq l-access ugwali ghal persuni b'diffikultajiet partikulari, kemm fil-Forum tal-4 ta' Settembru kif ukoll ghal iljieli ta' nhar l-10 u l-11 ta' Settembru. Dahhalna wkoll l-aspett kulturali permezz tal-enfasi fuq varjeta' kbira ta' ikel bi prezzijiet ghal but ta' kulhadd, filwaqt li se jkollna l-partecipazzjoni ta' diversi gruppi folkloristici u snajjiet kemm minn Malta kif ukoll minn Ghawdex. Enfasizzajna fuq l-edukazzjoni tal-pubbliku permezz tal-Forum bit-tema: *"Il-Hobza Maltija- Identita' u Lokal"*, filwaqt li matul dan is-Sajf ghamilna zjarat fi 33 skola fil-programm ta' Skola Sajf biex nispjegaw il-process tal-hobza Maltija filwaqt li t-tfal kienu qed jiehdu sehem biex jirbhu hafna rigali sbieh nhar il-11 ta' Settembru li gej.

Inkludejna wkoll kompetizzjoni ghal photographers professjonali permezz tal-kollaborazzjoni taghna mal-Assocjazzjoni tal-Photographers professjonali. Barra minn hekk ghamilna ktejjeb tar-ricetti marbutin mal-hobz permezz tal-kollaborazzjoni taghna mal-*Institute of Tourism Studies* (ITS) u li dan dejjem ikun ta' attrazzjoni kbira ghal kulhadd.Fl-ahhar u mhux l-inqas iddecidejna li jkollna l-prezenza popolari taz-ZOO li bil-karizma taghhom se jkunu qed janimaw rahal antik fic-Centru Pastorali tal-Parrocca ta' San Bastjan, filwaqt li l-pubbliku se jkun jista' jippartecipa u jiddeverti maghhom.

Tajjeb li nsemmi li d-dhul ghal din l-attivita' tal-Qormi Bread Festival se jkun kollu b'xejn filwaqt li se jkun hawn access facli ghal parking.

**Il-Qormi Bread Festival 2010 – fil-10 u l-11 ta' Settembru mis-7.30pm 'il quddiem**

Il-Festival Qormi tal-hobz se jsir nhar l-10 u l-11 ta' Settembru 2010 madwar il-Knisja ta' San Bastjan Hal Qormi. L-attivita' se tkun bejn is-7.30pm u nofs il-lejl, u matulha l-pubbliku se jkun qieghed igawdi minn diversi attivitajiet, fosthom:

- Ambjent tradizzjonali b'muzika folkloristika kif ukoll aktar kontemporanja bi gruppi u individwi popolari mal-pubbliku Malti u Ghawdxi, b'enfasi partikulari fuq gruppi u kantanti minn Hal Qormi
- Il-kummiedji ta' Koncett u Marinton
- Festa kbira ta' ikel u xorb marbut mal-hobz u li se jkun affordabbli ghal familji kollha
- Sezzjoni kbira apposta ghat-tfal u z-zghazagh biex jitghallmu u jiddevertu fl-istess hin
- Zjarat minn forn ghal forn ghal Maltin u ghat-turisti
- Tours madwar Hal Qormi biex tinghata aktar informazzjoni dwar l-istorja tal-Belt Pinto
- Rigali b'xejn lil pubbliku u lit-tfal u z-zghazagh
- Bejgh tal-hobz Malti li jsir f'Hal Qormi, u li mieghu se jinghata basket bil-logo tal-Qormi Bread Festival.
- U hafna sorprizi ohra

**ZOO - Il-Pjazza tar-Rahal**

Ghal din is-sena se jkollna l-partecipazzjoni specjali taz-ZOO permezz ta' attivita' unika u originali ghall-ewwel darba f'Malta u Ghawdex, u li se tkun marbuta mat-tradizzjoni tal-furnar fejn il-pubbliku se jkun jista' jippartecipa u jiddeverti mal-artisti f'diversi atti li z-ZOO huma maghrufa ghalihom.

Il-pubbliku se jkun qed izur il-villagg msejjah bhala "Ghannej" u jiltaqa' mal-kappillan ta' dan il-villagg. Se jkun hemm l-opportunita' biex dawk prezenti jiehdu sehem f'animazzjonijiet interattivi bhat-tieg Malti u tradizzjonijiet Maltin ohra. It-tfal se jkollhom spazju ghalihom fejn huma jistghu jilaghbu b'loghob tradizzjonali - fosthom il-bocci, il-passju u jibnu dghajjes tal-karti. Barra minn hekk, il-pubbliku se jkunu jistghu jduqu ikel tipikament Malti filwaqt li se jkunu qeghdin jiltaqghu ma' gwidi b'ilbies tradizzjonali Malti u li se jkunu qed jiggwidaw lil pubbliku.

**Konkluzjoni**

Ghal dan il-Festival nixtieq nirringrazzja lil shabi fil-kumitat organizzattiv tal-Qormi Bread Festival, liz-zghazagh tal-PLYG li qed jiehdu sehem b'mod shih, id-diversi volontarji minn Hal Qormi kif ukoll minn madwar Malta u Ghawdex, filwaqt li nixtieq nuri l-apprezzament kbir tieghi lil *media* kollha u l-isponsors u l-partners kollha li emmnu f'din l-attivita' ambizzjuza ghal Hal Qormi, fejn il-professjonalita' u l-volontarjat inghaqdu flimkien ghal gid ta' din l-attivita' popolari mal-Maltin u l-Ghawdxin kollha.

**Ghal aktar informazzjoni**

Kordinatur: Stefan Gauci Scicluna
Hotline: 99881025
Email: info@qormibreadfestival.org
Website: www.qormibreadfestival.org